MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 94/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Tony Cachia)**
**Vs**
**Glen Aquilina**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat detentur tal-karta tal-identita` numru 148487M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-5 ta' Novembru 2008 u fil-ġimgħat ta' qabel ġewwa JJ Supermarket Triq Nikola Zammit Siġġiewi b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li jkunu ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta serq ta' fliexken tax-xorb alkoholiku għad-detriment ta' Alexander Joseph Farrugia.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Frar, 2011, li biha wara li rat l-artikolu 285 tal-Kodiċi Kriminali sabet lill-appellat ħati

tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u minħabba l-fatt li l-appellat ħallas dak kollu dovut kif miftiehem u wara li ħadet in konsiderazzjoni l-istat mentali tal-appellant ikkundannatu għal amonizzjoni u reprenzjoni (ċanfira jew twiddiba) .

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu ppreżentat fil-25 ta' Frar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab ħati tal-akkuża miġjuba kontrih, filwaqt illi tirrevoka l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena li ngħatat kontra Glen Aquilina, u wara li terġa' ssib lill-appellat ħati tal-akkuża miġjuba kontrih, tipprosegwi billi tinfliġġi piena ġdida u adegwata ai termini tal-Liġijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti u cioe':-

Illi bis-sentenza mogħtija u bil-piena inflitta l-Qorti marret ferm taħt il-minimu preskritt mil-liġi. B'hekk l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni żbaljata tal-liġi meta ġiet biex tinfliġġi l-piena.

Ikkonsidrat

Illi r-reat li għalih instab ħati l-appellat huwa dak ikkontemplat fl-artikolu 285 tal-Kap 9 jew ta' serq sempliċi. Dan jikkontempla piena minn xahar sa sitt xhur. Il-Proviso jikkontempla li jekk il-valur tal-ħaġa ma jkunx iżjed minn 23.29 (tlieta u għoxrin euro u
disgħa u għoxrin ċenteżmu), il-piena ta' priġunerija tkun ta' mhux aktar minn tliet xhur.

Skont il-persuna li nsterqet, l-appellant kien seraqlu madwar għoxrin flixkun xorb li jikkonsistu f'Whiskey, Vodka u Sambuca f'medda ta' xahar. Il-partijiet qablu li l-appellat kellu jħallas 400 Euro. (9 ta' Ġunju 2010). L-appellat effettwa żewġ ħlasijiet (15 ta' Diċembru 2010 u 7 ta' Frar 2010) lid-derubat. Fis-7 ta' Frar 2011, il-Qorti għaddiet għas-sentenza.

L-Avukat Ġenerali appella għaliex il-piena mhix dik kontemplata mil-Liġi. Huwa ssottometta wkoll li l-artikolu 18 tal-Kap 9 jikkontempla żieda fil-piena bi grad jew tnejn.

L-ewwel konsiderazzjoni hija li l-piena applikata ma kinitx dik li jikkontempla l-artikolu 285 la fil-parti prinċipali tiegħu u lanqas fil-proviso. Fuq dan l-aggravju, l-Avukat Ġenerali għandu raġun.

Biss l-Avukat Ġenerali donnu qed iqis ż-zieda ta' grad jew tnejn kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kap 8 bħala waħda mandatorja. Iżda jekk wieħed iħares sew lejn il-kliem ta' dan l-artikolu:

'iżda l-piena ***<u>tista'</u>*** tiżdied bi grad jew tnejn'

il-kelma 'tista'' tindika b'mod l-aktar ċar li hija l-Qorti li trid tiddeċiedi żżidx il-grad jew tnejn kontemplat fil-Liġi. Għalhekk iż-żieda bi grad jew tnejn mhix waħda mandatorja.

Mill-atti tal-proċess jirriżulta li l-Ewwel Onorabbli Qorti tat ħames differimenti sabiex l-appellat ikun jista' jitħallas id-derubat u b'hekk il-vittma ma tibqax b'xejn. Fl-istess ħin l-appellat ikun għamel ir-riparazzjoni għall-ħsara li wettaq b'għemilu.

Fatt ieħor li jidher mill-atti huwa li l-appellat ammetta mill-ewwel. (Ara l-affidavit ta' PS 1585 James Weatherill) għalkemm ftit kellu ċans li jaħrab mill-imputazzjoni dedotta kontrih minħabba il-film tas-cctv.

Il-Qorti semgħet lill-abbli difensur jissottometti li l-appellat issa qabad it-triq it-tajba. Il-Qorti għarblet il-fatti kollha u l-fedina penali tal-appellat u qed tiddeċiedi kif ġej.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti qed tilqa' l-aggravju tal-Avukat Ġenerali dwar il-piena mogħtija fis-sentenza tas-7 ta' Frar 2011 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Glen Aquilina u għalhekk qed tirriforma s-sentenza kif ġej: Billi tikkonfermha fejn sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat u tirrifomha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għal ammonizzjoni u reprenzjoni (twiddiba jew ċanfira) u minflok ma tikkundannah qed tordna li l-appellat jitqiegħed taħt ordni ta' probation u ta' servizz billi jitqiegħed taħt is-sorveljanza kif speċifikat fl-artikolu 7 tal-Kap 446 u dan għal żmien tmintax-il xahar u li jaqdi ordni ta' servizz kif speċifikat fl-artikolu 11 tal-istess Att billi jagħmel sebgħin siegħa (70) xogħol fil-komunita'.**
**Il-Qorti qed twissi lill-appellat bil-konsegwenzi serji li jista' jkun hemm jekk hu ma jattendix regolarment għas-sessjonijiet mal-Probation officer jew jonqos milli jobdi xi waħda mid-direttivi tiegħu, inkluża kull ordni li huwa jsegwi programm kemm part-time kif ukoll full time, u / jew jekk jonqos is-sebgħin siegħa ta' xogħol fil-komunita' fl-intier tagħhom fejn jindikalu l-Probation Officer. *Il-Konsegwenzi serji jistgħu iwasslu għat-tħassir ta' din l-ordni u minflok tkun imposta sentenza ta' priġunerija.***

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------